*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,826, 8 ta' Novembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 438 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

### Regolamenti tal-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.
A.L. 114 tal-2007.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Skop.

**2.** Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-dispożizzjonijiet relatati mad-Direttiva 85/337/EEC kif emendata dwar l-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi w privati dwar l-ambjent kif imfisser fid-Direttiva 2009/31/EC dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

Jemenda Skeda 1A li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Skeda IA li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 2.6.1.1 tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"2.6.1.1. *Pipelines* b'dijametru ta' aktar minn 800 mm u tul ta' aktar minn 40 km:

— għat-trasport ta' gass, żejt, kimiċi, u

— għat-trasport ta' flussi tad-dijossidu tal-karbonju għal skopijiet ta' ħżin ġeoloġiku, inklużi *booster stations* relatati.";

(b) minflok il-paragrafu 2.6.2.1 tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"2.6.2.1: installazzjonijiet ta' *pipelines* taż-żejt u tal-gass u *pipelines* għat-trasport ta' flussi tad-dijossidu tal-karbonju għal skopijiet ta' ħżin ġeoloġiku (proġetti mhux inklużi f'Kategorija 1 ta' din l-Iskeda)";

(c) minnufih wara l-paragrafu 7.6.1.3 tiegħu, għandhom jiżdiedu dawn il-paragrafi ġodda li ġejjin:

"7.6.1.4: Siti ta' ħżin skond ir-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju.

A.L. 346 tal-2011.

7.6.1.5: Installazzjonijiet għall-ġbir ta' flussi tad-Dijossidu tal-Karbonju għal skopijiet ta' ħżin ġeoloġiku skond ir-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju minn installazzjonijiet koperti b'din l-Iskeda, jew fil-każijiet fejn il-ġbir totali annwali tad-Dijossidu tal-Karbonju hu 1,5 *megatonnes* jew aktar."; u

(d) minnufih wara l-paragrafu 7.6.2.6 tiegħu, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"7.6.2.7: Installazzjonijiet għall-ġbir ta' flussi tad-Dijossidu tal-Karbonju għal skopijiet ta' ħżin ġeoloġiku skond ir-Regolamenti tal-2011 dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju minn installazzjonijiet mhux koperti b'Kategorija I ta' din l-Iskeda;".

**L.N. 438 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

## Environmental Impact Assessment (Amendment) Regulations, 2011

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 61 and 62 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister, after consultation with the Malta Environment and Planning Authority, has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Environmental Impact Assessment (Amendment) Regulations, 2011, and they shall be read and construed as one with the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007, hereinafter referred to as "the principal regulations". Title. L.N. 114 of 2007.

**2.** These regulations transpose the provisions related to Directive 85/337/EEC as amended on the assessment of the effects of certain public and private projects on the environment as outlined in Directive 2009/31/EC on the Geological Storage of Carbon Dioxide. Scope.

**3.** Schedule IA of the principal regulations shall be amended as follows: Amends Schedule IA of the principal regulations.

(a) for paragraph 2.6.1.1 thereof there shall be substituted the following:

"2.6.1.1. Pipelines with a diameter of more than 800 mm and a length of more than 40 km:

— for the transport of gas, oil, chemicals, and,

— for the transport of carbon dioxide (CO2) streams for the purposes of geological storage, including associated booster stations.";

(b) for paragraph 2.6.2.1 thereof there shall be subsituted the following:

"2.6.2.1: Oil and gas pipeline installations and pipelines for the transport of CO2 streams for the purposes of geological storage (projects not included in Category I of this Schedule).";

(c) immediately after paragraph 7.6.1.3 thereof, there shall be added the following new paragraphs:

"7.6.1.4: Storage sites pursuant to the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, 2011.

L.N. 346 of 2011.

7.6.1.5: Installations for the capture of CO2 streams for the purposes of geological storage pursuant to the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, 2011 from installations covered by this Schedule, or where the total yearly capture of CO2 is 1,5 megatonnes or more."; and

(d) immediately after paragraph 7.6.2.6 there shall be added the following new paragraph:

"7.6.2.7: Installations for the capture of CO2 streams for the purposes of geological storage pursuant to the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, 2011 from installations not covered by Category I of this Schedule;".

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**